Ruling mogħti mill-Ispeaker Carmelo Abela fis-Seduta 28 tas-27 ta' Ottubru 2026 dwar risposti għal mistoqsijiet parlamentari

Is-Sedja ħadet nota ta' tliet talbiet għal direzzjoni dwar risposti għal mistoqsijiet parlamentari kif ġej:

Fis-seduta tal-Erbgħa, 21 ta' Ottubru 2026 l-Onor. Michael Piccinino ġibed l-attenzjoni għal mistoqsija parlamentari li huwa għamel lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali, u li minkejja li din ġiet resubmitted numru ta' drabi (1121, 1620, 525, 3358 u 3588), il- Ministru għadu ma weġibx il-mistoqsija.

Fis-seduta tal-bieraħ, 26 ta' Ottubru 2026 l-Onor. Rebekah Borg ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja għal dak li ġara ftit wara l-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari, wara li l-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, kien qiegħed iwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari f'isem il-Prim Ministru. L-Onor. Borg ilmentat illi minbarra li l-Prim Ministru daħal fil-Kamra hekk kif spiċċa l-ħin tal-mistoqsijiet, l-Onor. Bonnici wieġeb għal mistoqsijiet li ma kinux strettament relatati mal-portafoll tal-Prim Ministru kif elenkati fil-lista tar-responsabiltajiet ministerjali, u dan abbażi tal-argument illi l-Prim Ministru huwa finalment responsabbli wkoll mit-tmexxija tal-Gvern b'mod ġenerali. Hija lmentat illi min-naħa l-oħra l-Prim Ministru ma weġibx il-mistqosija li saret lilu bin-numru 4073 dwar Reviżjoni tal-Pjan Lokali billi wieġeb: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistqosija lill-Ministru kkonċernat.

Fis-seduta tal-bieraħ ukoll l-Onor. Ian Vassallo ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għal diversi mistoqsijiet parlamentari li huwa għamel lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa (fosthom 3295, 3294, 3292, 3290, 3289, 3288, 3287, 3286, 3285, 3284, 3199), illi sa issa baqgħu mhux imwieġba.

Dwar l-ilmenti mqajma mill-Onor. Michael Piccinino u l-Onor. Ian Vassallo s-Sedja ttenni li, kif intqal f'diversi rulings preċedenti, l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ma jagħtuha ebda mansjoni sabiex tirregola jew tintervjeni fit-tweġibiet mogħtija mill-Ministri għall-mistoqsijiet parlamentari. Madankollu, filwaqt li tagħraf li ċerti mistoqsijiet jistgħu jirrikjedu żmien u riżorsi sabiex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa, tappella lill-Ministri – f'dan il-każ lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali u lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa – sabiex jagħmlu kull sforz ħalli dawn jitwieġbu fi żmien raġonevoli, inkluż, fejn ikun meħtieġ, permezz ta' tweġiba interim sakemm tinġabar l-informazzjoni kollha mitluba. Dan huwa essenzjali sabiex il-Kamra tkun tista' taqdi b'mod effettiv il-funzjoni tagħha ta' skrutinju tal-ħidma tal-Gvern, filwaqt li tiżgura li l-Membri Parlamentari jkollhom l-informazzjoni meħtieġa sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom.

Fir-rigward tal-ilmenti imqajma mill-Onor. Rebekah Borg dawn huma separati u distinti minn xulxin. Is-Sedja tinnota illi l-prinċipju ta' responsabbiltà kollettiva tal-Gvern, kif stabbilit fil-paragrafu 4.1 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, anness mal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570), jipprovdi li l-Gvern huwa responsabbli kollettivament lejn il-Parlament u għandu d-dmir li jagħti rendikont tat-tmexxija tiegħu. Għaldaqstant, is-Sedja tara illi Ministru jista' jwieġeb mistoqsija parlamentari, inkluż dawk supplimentari, f'isem Ministru ieħor.

Is-Sedja, filwaqt li tirrikonoxxi illi l-Prim Ministru huwa fil-fatt responsabbli b'mod wiesa' għall-ħidma kollha tal-Gvern u għalhekk meta jkun qiegħed iwieġeb waqt il-ħin tal-mistoqsijiet

parlamentari jista' jwieġeb dwar kull aspett tal-ħidma tal-Gvern, dan ma għandux japplika meta Ministru ieħor ikun qiegħed iwieġeb f'isem il-Prim Ministru. Is-Sedja tħoss li meta jkun qiegħed iwieġeb Ministru f'isem il-Prim Ministru, għandhom isiru biss mistoqsijiet li huma relatati strettament mal-portafoll tal-Prim Ministru, u ser tkun qiegħda tara li l-Kamra timxi ma' din id-direzzjoni.

Barra minn dan, meta jsiru mistoqsijiet parlamentari dawn għandhom isiru lill-Ministru konċernat skont l-assenjazzjoni tal-portafoll tiegħu jew tagħha. Dan japplika wkoll għall-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Meta Ministru jirreferi lil Membru sabiex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru konċernat, is-Sedja terġa' tirrakkomanda sabiex fejn hu possibbli jindika lill-Membru, direttament jew tramite l-Uffiċċju tal-Ispeaker, jew fit-tweġiba tiegħu, lil liema Ministru għandha tiġi 'redirected' tali mistoqsija.